MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2011

Numru 47/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Charles Steven Muscat ta' 43 sena, iben Vincent u Sylvia nee borg, imwieled l-Awstralja Fl0-24 ta' Mejju 1967 preżenzjalment detenut residenti Fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Raġal Ġdid, detentur tal-akrta tal-identia' Numru 520885(M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-akkużat intavolat fit-13 ta' April, 2011 li fih huwa ssottometta li l-Qorti Istruttorja hi marbuta li taderixxi mal-artikoli 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ssottometta li kellu jerġa' jsir l-eżami mill-ġdid tal-imputat. Skont ir-rikorrent din hi kwistjoni ta' ordine pubblico sollevabbli ex uffico. Huwa talab lill-Qorti

tiddikjara l-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja bħala monki.

L-Avukat Ġenerali rrisponda fil-15 t'April, 2011 li fl-artikoli 438 u 449 m'hemmx inidkat li tista' titqajjem eċċezzjoni dwar nullita' tal-atti proċesswali jew tal-kumpilazzjoni f'dan is-sens.

Barra dan l-artikolu 432(2) tal-Kap 9 jkun applikat meta jirriżulta li jkun hemm difett fla-tti proċesswali. Il-kumpilazzjoni ma kienet vizzjata bl-ebda mod għax kulma kien hemm kien il-prosegwiment tal-kumpialzzjoni meta din il-kumpilazzjoni kieent assenjata lill-Maġistrat ieħor minħabba li l-Maġistrat preċedenti kien inħatar imħallef. Il-proċeduri ma kinux qed jinbdew mill-ġdid u lanqas ma kein hemm żieda ta' akkużi. Huwa l-ġudikant li jkun qed jisma' l-provi li għandu d-diskrezzjoni li jitlob li ċerti xhieda jisntemgħu mill-ġdid.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet dettaljati tal-partijiet a fol 68 et seq tar-rikorent u a fol 105 et seq tal-Avukat Ġenerali.

Ikkonsidrat

Fil-fehma tal-Qorti t-tliet artikoli tal-kap 9 li huma relevanti f'dan il-każ huma dawn li ġejjin:

'438. (1) Kopja uffiċjali tal-att tal-akkuża u tan-nota msemmija
fl-artikolu 590(2) għandhom jiġu notifikati lill-akkużat.
(2) L-akkużat għandu, permezz ta' nota ppreżentata fir-reġistru
tal-qorti mhux iktar tard minn ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data
ta' dik in-notifika -
(i) jagħti avviż dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija flartikolu
449 u kull eċċezzjoni dwar l- ammissibbilità
tal-provi li jkollu l-ħsieb li
jagħti, u
(ii) jindika x-xhieda u jipproduċi d-dokumenti u

oġġetti oħra li jkollu l-ħsieb li juża fil-kawża,
u kopja uffiċjali ta’ dik in-nota għandha tiġi notifikata lill-Avukat
Ġenerali.’

449. (1) L-eċċezzjonijiet li ġejjin, jiġifieri:
(a) eċċezzjoni ta’ inkompetenza tal-qorti;
(b) eċċezzjoni ta’ nullità jew ta’ żball fl-att tal-akkuża;
(ċ) eċċezzjoni tal-estinzjoni tal-azzjoni;
(d) eċċezzjoni ta’ ġudikat li bih l-akkużat kien ġa’ ġie misjub ħati jew illiberat;
(e) eċċezzjoni tal-ġenn tal-akkużat fiż-żmien tal-kawża;
(f) eċċezzjoni tal-ġenn fiż-żmien tar-reat jew kull eċċezzjoni ta’ kull punt ieħor ta’ fatt li jneħħi limputabiltà tal-akkużat jew illi minħabba fih il-kawża
m’għandhiex titmexxa għal mument, jew f’ebda żmien ieħor ’il quddiem; u
(g) bla ħsara tad-disposizzjoni tal-artikolu 446(1), kull eċċezzjoni preliminari oħra,
jistgħu jingħataw biss jekk ikun ingħata dwarhom avviż bil-miktub
kif provdut fl-artikolu 438(2):

**Korrezzjoni fl-Att tal-Akkuża**

597. (1) Il-qorti tista’, sew ex officio, kemm ukoll fuq eċċezzjoni tal-akkużat, tordna l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża, basta
li dan isir qabel ma l-akkużat iwieġeb għall-mistoqsija jekk hux
ħati jew le: iżda ebda ħ.aġ.a m’għandha tiżdied fl-att tal-akkuża li
tkun tista’ tagħmel iżjed gravi r-reat.

jew b’talba tal-
Avukat Ġeneral.

(2) Dan l-ordni jista’ jingħata wkoll fuq talba tal-Avukat Ġenerali kull meta jkun hemm żball jew difett fl-att tal-akkuża,

ukoll meta, minħabba dan l-iżball jew difett, l-akkużat ikun ta l-eċċezzjoni
tan-nullita tal-att tal-akkuża jew il-qorti ex officio tkun qanqlet il-kwistjoni tan-nullita tal-att tal-akkuża.

L-akkużat jista'
jitlob li l-kawża
titħalla għal
ġurnata oħra.

(3) Meta l-korrezzjoni tal-att tal-akkuża tiġi ordnata mill-qorti
ex officio, jew fuq talba tal-Avukat Ġenerali, l-akkużat jista' jitlob
li l-kawża tiġi mħollija għal ġurnata oħra, sabiex ilesti d-difiża.

**Difetti fl-atti tal-kompilazzjoni li**
**għalihom jista' jiġi**
**attakkat l-att tal-akkuża.**

(4) L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti
tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li,
minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix fil-
quddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikun
jikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-
Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara li
l-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti
istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi mi.jubin
mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat
Ġenerali li jopponi li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmul

skont il-li.i, u li jkun irid jin.ieb sabiex bih issir xi prova.

L-inkompetenza
tal-qorti istruttorja
ratione loci ma
ġġibx nullita tal- att
tal- akkuża.

(5) Lanqas ma jista’ att ta’ akkuża jiġi attakkat għall-inkompetenza
tal-qorti li għamlet il-kompilazzjoni, minħabba li l-kompilazzjoni
kien imissha ssir mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u
mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

L-artikolu 438(2) jiffissa terminu ta’ żmien meta wieħed jista’ jdaħħal eċċezzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikolu 449 jew dwar l-ammissibilita’ tal-provi.

Mill-proċess jirriżulta li l-Att tal-akkuża kien nnotifikat lill-akkużat fl-14 ta’ Settembru 2010. Huwa ppreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet fit-30 ta’ Settembru, 2010.

Ir-rikors tal-lum kien ippreżentat fit-13 t’April, 2011. Dan ir-rikors m’hu xejn ħlef dwar l-ammissibilita’ ta’ xhieda li hemm fil-proċess minħabba, li skont ir-rikorrent il-provi ma kinux nstemgħu mill-ġdid meta hekk kien talab l-akkużat.

Fil-fehma tal-Qorti, wieħed ma jistax jistrieħ taħt l-iskuża tal-ordni pubbliku sabiex ikun jista’ jippreżenta eċċezzjonijiet oħra meta jaħseb li kellu jdaħħal xi eċċezzjonijiet oħra. Dan ikun qed itawwal b’mod pulit iż-żmien perentorju li jikkontempla l-artikolu 438(2) tal-Kap 9 – ħaġa li mhux permessa la mill-kodiċi u lanqas mill-każistika (Ara ‘Ir-Repubblika ta’ Malta versus John Attard’ tal-15 ta’ Novembru, 2005). L-eċċezzjonijiet li jkunu ġew ippreżentati fiż-żmien mogħti mil-Liġi la jistgħu jiżdiedu u lanqas jistgħu jitgwessgħu.

L-akkużat jagħti r-raġuni tal-ordni pubbliku. Bir-rispett kollu, fil-fehma tal-Qorti m'hemm xejn li hu ta' ordni pubbliku għax kollox huwa regolat fid-dettall bil-Kap 9. Ma jistax wieħed jistrieħ fuq kunċett astratt biex taħt il-kappa tiegħu ipoġġi l-eċċezzjonijiet li jidhirlu hu meta jrid hu. Dak li hu regolat bil-Liġi – u l-Kap 9 jipprovdi artikoli biżżejjed kif għandha ssir il-kumpilazzjoni – ma jistax jitwarrab bl-iskuża tal-ordni pubbliku. Għal din ir-raġuni biss hemm raġuni biżżejjed biex it-talba tar-rikorrent tkun miċħuda.

Iżda l-Qorti ser tmur oltre. Il-Liġi stess fl-artikolu 597(4) tipprovdi ċar u tond li att ta' akkuża ma jistax ikun attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni. Imbagħad ikompli jespliċita meta wieħed jista' jattakka att ta' akkuża. Mela meta l-liġi stess qed tillimita kif l-akkużat jista' jattakka att ta' akkuża u qed tħalli espliċitament barra difetti fl-att tal-kumpilazzjoni kif jista' wieħed issa jirraġuna li jistga' jattakka l-atti kollha għax din hi kwistjoni ta' ordni pubbliku? L-ordni pubbliku qatt ma jsita' jkun kontra l-Liġi.

Aktar minn hekk, dan ir-rikors mhux imsejjes fuq l-att tal-akkuża imma sempliċiment għax l-akkużat deherlu li għax inbidel il-**Maġistrat f'Qorti Istruttorja, allura għandu xi dritt li jerġgħu jistemgħu l-provi mill-ġdid.**

Huwa semma diversi sentenzi li bir-rispett kollu m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ odjern. Wieħed minnhom saħansitra għandu x'jaqsam ma' kompetenza ta' Qorti – jiġifieri safejn tasal il-ġurisdizzjoni tagħha- meta fil-każ odjern m'hemm ebda referenza għall-kompetenza. Oħrajn huma deċiżjonijiet minn appelli wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Is-sitwazzjoni ta' llum m'għandha x'taqsam xejn ma' dan. Fl-Istruttorja, il-Maġsitrat jiġbor il-provi u, jekk l-Avukat Ġenerali ma jagħtix xi kontra-ordni, il-każ imur quddiem il-Qorti Kriminali kif mar dan il-każ. Isegwi li għandu raġun l-Avukat Ġenerali li sakemm ma kienx hemm xi akkuża ġdida jew xi difett li jrid iukn sanat fi żmien ħamest ijem ta' xogħol m'hemm ebda bżonn li terġa' tinqara l-akkuża bil-ġurament, li jsir l-eżami u li jinstemgħu x-xhieda mill-ġdid. Kumpilazzjoni isimha

magħha u huwa ta' perikolu ferm li kull darba jerġgħu jinbdew il-proċeduri għax Maġistrat ikun astjena jew inkella għaliex il-kumpilazzjoni tkun assenjata quddiem Maġistrat ieħor minħabba li l-Maġistrat preċedenti jkun inħatar imħallef. Dan ikun jammonta għal telfien ta' żmien – u dan il-każ beda fis-sena 2001 – u problemi fil-ġbir tax-xhieda jew għax min għandu jixhed ikun miet jew siefer jew inkella għax jibda jinsa.

Għal dawn ir-raġunijiet:

(a) Li din l-eċċezzjoni jmissha tqajmet se mai fiż-żmien indikat fl-arftikolu 438(2);
(b) Li m'hemm ebda kwistjoni ta' ordni pubbliku għaliex kollox regolat bil-liġi u l-roni pubbliku qatt ma jista' jmur kontra l-liġi skritta;
(ċ) Li l-akkużat m'għandu ebda jedd li jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid ix-xhieda meta din tkun qed tinstema' fl-Istruttorja

Il-Qorti qed tiċħad dan ir-rikors.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------